



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

2 ta' Marzu 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikoli 56 u 63 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Moviment liberu tal-kapital – Miżura nazzjonali li tobbliga lil istituzzjoni ta' kreditu ttejjem ir-relazzjonijiet ta' negozju jew li ma tibqax tidħol f'tali relazzjonijiet ma' persuni mhux ċittadini – Restrizzjoni – Artikolu 65(1)(b) TFUE – Ġustifikazzjoni – Direttiva (UE) 2015/849 – Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu – Proporzjonalità”

Fil-Kawża C-78/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Jannar 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Frar 2021, fil-proċedura

AS “PrivatBank”,

A,

B,

Unimain Holdings LTD

vs

Finanšu un kapitāla tirgus komisija,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tal-Ewwel Awla, P. G. Xuereb, A. Kumin (Relatur) u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: R. Stefanova-Kamisheva, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta' April 2022,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal AS “PrivatBank”, minn A. Medne, advokāte,
- għal A, B u Unimain Holdings LTD, minn J. Loze, K. Loze u L. Mence, advokāti,
- għall-Finanzju un kapitāla tirgus komisija, minn J. Pogiļdjakova, L. Skolmeistare u I. Skuja-Ķirķe,
- għall-Gvern Latvjan, minn J. Davidoviča, K. Pommere u I. Romanovska, bħala aġenti,
- għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Meloncelli, avvocato dello Stato,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Malferrari, A. Sauka u T. Scharf, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 63(1) u tal-Artikolu 65(1)(b) TFUE, tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat [KE] [(artikolu mħassar bit-Trattat ta' Amsterdam)] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10), kif ukoll tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn AS “PrivatBank”, A u B, kif ukoll Unimain Holdings LTD, minn naħa, u l-Finanzju un kapitāla tirgus komisija (il-Kummissjoni tas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital, il-Latvja) (iktar 'il quddiem il-“FKTK”), min-naħa l-oħra, dwar il-legalità ta' sanzjoni u ta' miżuri amministrattivi imposti, minn din tal-aħħar, fuq PrivatBan sabiex jipprevjenu r-riskju li din l-istituzzjoni ta' kreditu tkun involuta fil-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 88/361

3 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 88/361 jipprevedi:

“Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet segwenti, l-Istati Membri għandhom jabolixxu restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta’ kapital li jseħħu bejn persuni residenti fi Stati Membri. Biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, movimenti ta’ kapital għandhom jkunu kklassifikati skond in-Nomenklatura fl-Anness I.”

4 L-introduzzjoni tal-Anness I ta’ din id-direttiva tistabbilixxi:

“F’din in-Nomenklatura, movimenti ta’ kapital huma kklassifikati skond in-natura ekonomika tal-beni u l-obbligi li huma jikkonċernaw, iddenominati jew f’munita nazzjonali jew f’kambju esteru.

Il-movimenti ta’ kapital elenkati f’din in-Nomenklatura jiftiehem li jkopru:

– l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-iskopijiet ta’ movimenti ta’ kapital: konklużjoni u aġir tat-transazzjoni u trasferimenti relatati. It-transazzjoni ġeneralment hija bejn residenti ta’ Stati Membri differenti għalkemm xi movimenti ta’ kapital jitwettqu minn persuna waħda għall-akkont tiegħu stess (eż. trasferiment ta’ beni li jappartjenu l-emigranti),

[...]

Din in-Nomenklatura mhix lista eżawrijenti għan-nozzjoni ta’ movimenti ta’ kapital - minħabba f’hekk insibu titolu XIII - F. ‘Movimenti ta’ kapital oħra - Mixellanji’. Għalhekk m’għandhiex tkun interpretata li tirrestrinġi l-iskop tal-prinċipju ta’ liberalizzazzjoni sħiħa ta’ movimenti ta’ kapital kif hemm riferenza għalih fl-Artikolu 1 tad-Direttiva.”

5 Fost il-movimenti ta’ kapital elenkati f’dan l-Anness I jinsabu, fit-Taqsima VI, l-“operazzjonijiet f’kontijiet kurrenti u depożiti ma’ stituzzjonijiet finanzjarji” u, taħt it-Titolu VIII, is-“self finanzjarju u krediti (mhux inklużi taħt I, VII u XI)”.

6 Fl-aħħar nett, l-imsemmi Anness I jippreċiża, fil-parti tiegħu intitolata “Noti ta’ spjega”, li “[i]stituzzjonijiet finanzjarji” jfissru [n]anek, banek tat-tifdil u istituzzjonijiet li jispeċjalizzaw fid-dispożizzjoni ta’ kreditu ta’ terminu qasir, terminu medju u terminu fit-tul, u kumpanji ta’ l-assigurazzjoni, soċjetajiet tal-bini, kumpaniji ta’ investment u istituzzjonijiet oħra ta’ karattru simili”, kif ukoll “istituzzjonijiet ta’ kreditu” jfissru “[b]anek, banek tat-tifdil u stituzzjonijiet li jispeċjalizzaw fid-dispożizzjoni ta’ kreditu ta’ terminu qasir, terminu medju u terminu fit-tul”.

Id-Direttiva 2015/849

7 Il-premessa 1 tad-Direttiva 2015/849 tipprevedi:

“Il-flussi ta’ flus illeċiti jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju, u jheddu s-suq intern tal-Unjoni kif ukoll l-iżvilupp internazzjonali. Il-ħasil ta’ flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jibqgħu problemi sinifikanti li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni [Ewropea]. Minbarra l-iżvilupp ulterjuri tal-applikazzjoni tal-liġi kriminali fil-livell tal-Unjoni, il-prevenzjoni mmirata u proporzjonata tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija indispensabbli u tista’ tipproduċi riżultati komplementari.”

8 L-Artikolu 1(1) u (2) ta’ din id-direttiva jipprevedi:

“1. Din id-Direttiva timmira għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jkunu projbiti.”

9 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, fil-limiti tal-liġi tal-Unjoni.”

10 L-Artikolu 8(1) u (3) tad-Direttiva 2015/849 huwa fformulat kif ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b’obbligu jieħdu l-passi xierqa biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tagħhom filwaqt li jieħdu kont ta’ fatturi ta’ riskju, inklużi dawk relattivi għall-klijenti, pajjiżi jew żoni ġeografiċi, prodotti, [s]ervizzi, transazzjonijiet jew kanali ta’ distribuzzjoni tagħhom. Dawk il-passi għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u d-daqs tal-entitajiet marbutin b’obbligu.

[...]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b’obbligu għandhom stabbiliti politiki, kontrolli u proċeduri biex jimmitigaw u jiġġestixxu b’mod effettiv ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu identifikati fil-livell tal-Unjoni, il-livell tal-Istati Membri, u l-livell tal-entitajiet marbutin b’obbligu. Dawk il-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u d-daqs ta’ dawk l-entitajiet marbutin b’obbligu.”

11 L-Artikolu 11 ta’ din id-direttiva jipprevedi:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet japplikaw miżuri ta’ diliġenza dovuta tal-klijenti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

[...]

b) meta jwettqu transazzjoni okkażjonali li:

i) tammonta għal EUR 15000 jew iżjed, kemm jekk dik it-transazzjoni ssir f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk issir f'diversi operazzjonijiet li jidhru li huma marbuta ma xulxin; jew

[...]

12 L-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“Il-miżuri ta’ diliġenza dovuta tal-klijenti għandhom jinkludu:

a) identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika tal-identità tal-klijent [...];

[...]

c) il-valutazzjoni u, kif xieraq, il-kisba ta’ informazzjoni fuq l-għan u l-għan maħsub tar-relazzjoni ta’ negozju;

d) it-twettiq ta’ monitoraġġ kontinwa tar-relazzjoni ta’ negozju inkluż skrutinju tat-transazzjonijiet matul il-kors ta’ dik ir-relazzjoni sabiex ikun żgurat li t-transazzjonijiet li jkunu qegħdin jitwettqu jkunu konsistenti mal-għarfien tal-entità marbuta b’obbligu tal-klijent, in-negozju u l-profil tar-riskju, inkluż fejn ikun neċessarju tas-sors tal-fondi u jiġi żgurat li d-dokumenti, id-data jew l-informazzjoni miżmuma jinżammu dejjem aġġornati.

[...]

13 L-Artikolu 59(1), (2) u (4) tad-Direttiva 2015/849 jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan l-Artikolu japplika tal-inqas għall-ksur min-naħa tal-entitajiet marbutin b’obbligu li huwa serju, ripetut, sistematiku, jew kombinament ta’ dawn, tar-rekwiżiti stipulati fi:

a) l-Artikoli 10 sa 24 (diliġenza dovuta tal-klijenti);

[...]

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-sanzjonijiet u l-miżuri li jistgħu jiġu applikati jinkludu mill-inqas dan li ġej:

[...]

c) fejn entità marbuta b’obbligu tiġi soġġetta għal awtorizzazzjoni, irtirar jew sospensjoni tal-awtorizzazzjoni;

[...]

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti li jimponu tipi addizzjonali ta’ sanzjonijiet amministrattivi barra dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2 jew li jimponu sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi li jaqbżu l-ammonti msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3.”

Id-dritt Latvjan

- 14 In-Noziedziġi iegūtu lidzekļu legalizācijas un terrorisma un proliferācijas finansēšanas novēršanas likums (il-Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus kif ukoll il-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni), tas-17 ta' Lulju 2008 (*Latvijas Vēstnesis*, 2008, Nru 116, iktar 'il quddiem il-“Liġi dwar il-Prevenzjoni”), ġiet emendata sabiex, b'mod partikolari, tittrasponi d-Direttiva 2015/849 fl-ordinament ġuridiku Latvjan.
- 15 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-punt 13 tal-Artikolu 5(6), u l-punt 3 tal-Artikolu 7(1) tal-Finanzju un kapitāla tirgus komisijas likums (il-Liġi dwar il-Kummissjoni tas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital), tal-1 ta' Ġunju 2000 (*Latvijas Vēstnesis*, 2000, Nru 230/232), il-punt 1 tal-Artikolu 45(1) tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni, kif ukoll l-Artikolu 99a u l-punt 4 tal-Artikolu 113(1) tal-Kreiestāu (il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu), tal-5 ta' Ottubru 1995 (*Latvijas Vēstnesis*, 1995, Nru 163), kif fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti, li jipprevedu, essenzjalment, il-FKTK tivverifika u tikkontrolla l-konformità mar-rekwiżiti tal-Liġi dwar il-Prevenzjoni dwar il-Prevenzjoni mill-operaturi tas-swieq kapitali u tal-kapital u li din l-awtorità għandha s-setgħa li timponi restrizzjonijiet fuq id-drittijiet u l-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu, inkluża s-suspensjoni totali jew parzjali tal-provvista ta' servizzi finanzjarji u r-restrizzjoni fuq it-twertiq tal-obbligi.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 16 PrivatBank huwa istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fil-Latvja, li tagħha A u B, ċittadini Ċiprijotti, kif ukoll Unimain Holdings, kumpannija stabbilita f'Ċipru, huma l-azzjonisti. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dawn l-azzjonisti huma wkoll klijenti ta' PrivatBank.
- 17 Il-FKTK wettqet spezzjoni tal-attivitajiet ta' PrivatBank sabiex tivverifika jekk din l-istituzzjoni ta' kreditu kinitx tikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu u, b'mod partikolari, jekk hija kinitx teżerċita d-dmir tagħha ta' diliġenza fir-rigward tal-klijenti tagħha li għandhom rabta mal-azzjonisti tagħha u kienet tissorvelja t-tranżazzjonijiet tagħhom.
- 18 Matul din l-ispezzjoni, il-FKTK ikkonstatat li PrivatBank kien jikser ċerti rekwiżiti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, previsti, b'mod partikolari, mil-Liġi dwar il-Prevenzjoni. Fil-fatt, skont il-FKTK, is-sistema ta' kontroll intern ta' PrivatBank dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijenti u s-sorveljanza tat-tranżazzjonijiet ma kinitx tippermetti li jiġi ggarantit li din l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura ġestjoni effikaċi tar-riskji fil-qasam. B'mod partikolari, PrivatBank ħolqot kundizzjonijiet iktar favorevoli għal parti mill-klijenti, li l-benefiċjarji effettivi tagħhom huma l-azzjonisti tagħha, fir-rigward tas-sorveljanza tat-tranżazzjonijiet tal-klijenti eżistenti kif ukoll tar-reġistrazzjoni ta' klijenti ġodda.
- 19 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 2019, il-FKTK imponiet multa fuq PrivatBank u barra minn hekk issuġġettatha, b'mod partikolari, għal miżura amministrattiva li tikkonsisti, fl-istennija tal-implementazzjoni ta' ċerti miżuri previsti minn din id-deċiżjoni u ta' awtorizzazzjoni mill-FKTK f'dan ir-rigward, fil-projbizzjoni, sa mill-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, li tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju, kif ukoll fl-obbligu li jitterminaw immedjatament ir-relazzjonijiet ta' negozju konklużi wara l-adozzjoni tal-istess deċiżjoni, ma':
- il-persuni fiżiċi li ma għandhom ebda rabta mar-Repubblika tal-Latvja u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħhom jaqbżu l-EUR 15 000;

- il-persuni ġuridiċi li l-attività ekonomika tagħhom ma hijiex marbuta mar-Repubblika tal-Latvja u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħhom jaqtbu l-EUR 50 000;
 - il-persuni ġuridiċi li l-benefiċjarji effettivi tagħhom huma l-azzjonisti ta' PrivatBank u l-persuni li għandhom rabta ma' dawn tal-aħħar.
- 20 Barra minn hekk, PrivatBank kellu l-obbligu li jiżgura li l-movimenti ta' kreditu mensili kemm tal-klijenti li l-benefiċjarji effettivi tagħhom huma l-azzjonisti ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-persuni marbuta ma' dawn tal-aħħar kif ukoll persuni li jaqgħu taħt il-kategorija ta' klijenti marbuta mal-klijenti ċċitati iktar 'il fuq ma jaqtbux, skont id-data pprovduta mill-imsemmija istituzzjoni ta' kreditu, l-ammont medju tal-movimenti ta' kreditu mensili tal-klijent ikkonċernat għall-2019.
- 21 PrivatBank mar quddiem l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), il-qorti tar-rinviju, b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 2019 sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċerna l-konstatazzjoni tal-ksur u l-kundanna għall-multa. Min-naħa tagħhom, A, B u Unimain Holdings ippreżentaw rikors quddiem din il-qorti intiż għall-annullament tal-miżura amministrattiva prevista minn din l-istess deċiżjoni.
- 22 Fir-rikors tagħhom, A, B u Unimain Holdings isostnu li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikser l-Artikoli 18 u 63 TFUE. Huma jenfasizzaw li r-restrizzjonijiet għall-moviment tal-kapital li jirriżultaw minn din il-miżura la huma marbuta mal-eżerċizzju ta' attivitajiet illegali u lanqas huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus fis-seħħ fi ħdan l-Unjoni. Dawn ir-restrizzjonijiet ġew imposti fir-rigward ta' kull persuna fiżika u ġuridika, anki jekk dawn aġixxew legalment, u jipproduċu effetti fir-rigward tagħhom. Barra minn hekk, billi timponi fuq PrivatBank l-obbligu li tikkoopera unikament maċ-ċittadini Latvjani u l-kumpanniji kummerċjali stabbiliti fil-Latvja, il-FKTK ġegħlitha tikkunsidra awtomatikament il-persuni l-oħra kollha, inklużi ċ-ċittadini tal-Istati Membri u l-impriżi stabbiliti fil-Unjoni, bħala potenzjalment ta' riskju għoli u li jippreżentaw perikolu.
- 23 Bħala difiża, il-FKTK issostni li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax titqies bħala restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, peress li din tapplika biss għal istituzzjoni ta' kreditu b'mod partikolari, f'dan il-każ PrivatBank, u tikkonċerna biss kategorija limitata ta' klijenti. B'hekk, dawn il-klijenti jistgħu jiddepożitaw fondi f'kull istituzzjoni ta' kreditu oħra awtorizzata fil-Latvja. L-għan ta' din il-miżura amministrattiva tkun, b'mod partikolari, li jitwaqqfu l-ksur imwettaq minn PrivatBank u li tipprekludi kull ksur futur eventwali fil-qasam tal-ħasil tal-flus. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmija miżura amministrattiva tikkostitwixxi restrizzjoni ġġustifikata u proporzjonata, fis-sens tal-Artikolu 65(1)(b) TFUE.
- 24 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- “1) Is-self u krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet ta' kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji (inklużi l-banek) elenkati fl-Anness I għad-Direttiva [88/361] għandhom jitqiesu wkoll bħala movimenti ta kapital fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE?

- 2) Restrizzjoni (li ma tirriżultax direttament mil-leġiżazzjoni nazzjonali) imposta mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru fuq istituzzjoni ta' kreditu partikolari li ma tħallihiex tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju u tobbligaha ttejjem ir-relazzjonijiet ta' negozju eżistenti ma' persuni li ma humiex ċittadini tar-Repubblika tal-Latvja tikkostitwixxu miżura ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE li, b'dan il-mod, tippreġudika l-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri li din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tipproteġi?
- 3) Ir-restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital fit-tifsira tal-Artikolu 63(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tista' tkun iġġustifikata sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi evitat l-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet tal-ħasil ta' flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva [2015/849]?
- 4) Il-mezz magħżul mill-Istat Membru – l-obbligu impost fuq istituzzjoni ta' kreditu partikolari sabiex ma tidħolx f'relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni li ma humiex ċittadini ta' Stat Membru partikolari (ir-Repubblika tal-Latvja) u sabiex ittejjem dawn ir-relazzjonijiet – huwa adattat għall-kisba tal-għan stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva [2015/849] u għalhekk jikkostitwixxi eċċezzjoni skont l-Artikolu 65(1)(b) [TFUE]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 25 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk is-self u l-kreditu finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet fil-kontijiet kurrenti u tad-depożiti fl-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' kreditu, jikkostitwixxux moviment tal-kapital, fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.
- 26 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 63(1) TFUE jipprojbixxi b'mod ġenerali r-restrizzjonijiet għall-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Finanzamt VT (Suċċessjonijiet - Tnaqqis parzjali u tnaqqis tal-ishma rriżervati), C-394/20, EU:C:2021:1044, punt 28).
- 27 Fl-assenza, fit-Trattat FUE, ta' definizzjoni tal-kunċett ta' "moviment tal-kapital", fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet valur indikattiv lin-nomenklatura tal-movimenti ta' kapital li tinsab fl-Anness I tad-Direttiva 88/361 sabiex tiddefinixxi dan il-kunċett, peress li, konformement ma' dak li tfakkar fl-introduzzjoni ta' dan l-anness, din in-nomenklatura ma hijiex ta' natura eżawrjenti (sentenzi tal-15 ta' Frar 2017, X, C-317/15, EU:C:2017:119, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-16 ta' Settembru 2020, Romenergo u Aris Capiutal, C-339/19, EU:C:2020:709, punt 32).
- 28 Issa, dan l-Anness I jsemmi, fit-Taqsima VI tiegħu, "[o]perazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti ma' stituzzjonijiet finanzjarji", kif ukoll, fit-Titolu VIII tiegħu, is-"self u kreditu finanzjarji". Barra minn hekk, dan l-istess anness, fil-parti tiegħu intitolata "Noti ta' spjegazzjoni", jippreċiża li l-kliem "istituzzjonijiet finanzjarji" jindikaw, b'mod partikolari, il-banek.

- 29 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li attività ta' għoti ta' krediti taħt titolu professjonali tirrigwarda wkoll il-moviment liberu tal-kapital (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz, C-452/04, EU:C:2006:631, punt 43, kif ukoll tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 30 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premissi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li s-self u l-krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti fl-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' kreditu, jikkostitwixxu movimenti tal-kapital, fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.

Fuq it-tieni domanda

Osservazzjonijiet preliminari

- 31 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità nazzjonali kompetenti timponi fuq istituzzjoni ta' kreditu, minn naħa, il-projbizzjoni li tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni li ma humiex ċittadini Latvjani u, min-naħa l-oħra, l-obbligu li ttemm ir-relazzjonijiet ta' negozju eżistenti ma' tali persuni, tikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.
- 32 Issa, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, fl-10 ta' Marzu 2022, b'risposta għal talba għal kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li l-identifikazzjoni tal-persuni li magħhom PrivatBank ma tistax tidħol fi jew iżżomm relazzjonijiet ta' negozju skont il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija bbażata, minn naħa, fuq il-kriterju tar-rabta li għandhom persuni fiżiċi jew ġuridiċi mal-Latvja u, min-naħa l-oħra, fuq dak tal-ammont mensili tal-movimenti ta' kreditu. Għaldaqstant, din il-miżura ma taffettwax neċessarjament biss ir-relazzjonijiet bejn din l-istituzzjoni ta' kreditu u l-persuni fiżiċi li ma għandhomx in-nazzjonalità Latvjana.
- 33 Fit-tieni lok, fil-kuntest ta' din l-istess tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk miżura li ma tirriżultax direttament mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda li ġiet imposta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, bħall-FKTK, tikkostitwixxi "miżura ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE li, b'dan il-mod, tippreġudika l-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri".
- 34 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar, minn naħa, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-kompatibbiltà ta' tali miżura amministrattiva mad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura superjuri. Min-naħa l-oħra, kif issostni l-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-Artikolu 63(1) TFUE huwa intiż sabiex ineħħi, b'mod partikolari, ostakoli amministrattivi li jistgħu jfixklu l-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Trapeza tis Ellados, C-329/03, EU:C:2005:645, punt u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, miżura amministrattiva li tinsab f'deċiżjoni prudenzjali, adottata minn awtorità pubblika bħall-FKTK, tista' tikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

- 35 Fit-tielet lok, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti li għamlet id-domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li ma sarx riferiment għalihom mill-qorti nazzjonali fid-domanda tagħha (sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Jyske Bank Gibraltar, LG u MH (Awtoroċiklaġġ), C-790/19, EU:C:2021:661, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 F'dan il-każ, il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern Taljan u dak Latvjan kif ukoll il-Kummissjoni sostnew, fl-osservazzjonijiet bil-miktub jew orali tagħhom, li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħet tiġi analizzata mhux biss fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital, previst fl-Artikolu 63(1) TFUE, iżda wkoll tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, iggarantita fl-Artikolu 56 TFUE.
- 37 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-attività ta' istituzzjoni ta' kreditu li tikkonsisti fl-għoti ta' krediti tikkostitwixxi servizz fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE (sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 38 B'hekk, u meta tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 29 ta' din is-sentenza, operazzjonijiet ta' għoti ta' krediti taħt titolu professjonali huma relatati, bħala prinċipju, kemm mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE *et seq.* kif ukoll mal-moviment liberu tal-kapital, fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE *et seq.* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 39 Meta miżura nazzjonali tirrigwarda kemm il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-kapital, għandu jiġi eżaminat sa fejn tali miżura jkollha effett fuq l-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet fundamentali, u jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, waħda minnhom tipprevalixxi fuq l-oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, teżamina l-miżura inkwistjoni fir-rigward ta' waħda biss miż-żewġ libertajiet jekk jirriżulta li, fil-kawża inkwistjoni, waħda minnhom hija kompletament sekondarja għall-oħra u tista' tingħaqad magħha (sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 40 F'dan il-każ, jidher li, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punti 44 u 45 tal-konklużjonijiet tagħha, il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna kemm l-użu tas-servizzi finanzjarji ta' PrivatBank kif ukoll il-fluss tal-moviment tal-kapital bħala tali.
- 41 Fil-fatt, l-ewwel, din il-miżura amministrattiva, billi tibbaża ruħha, b'mod partikolari, fuq il-kriterju tal-ammont mensili tal-movimenti ta' kreditu, taffettwa direttament il-movimenti ta' kapital, kemm jekk il-klijent ikkonċernat jirrikorri jew le għal servizzi ta' konsulenza mogħtija minn PrivatBank. It-tieni, miżura amministrattiva li ttipprojbixxi li jkun stabbiliti relazzjonijiet ta' negozju u tobbligaha li ttejjem ir-relazzjonijiet tan-negozju eżistenti ma' ċerti klijenti taffettwa l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu.
- 42 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tiġi fformulata mill-ġdid it-tieni domanda magħmula fis-sens li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 63(1) TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, ttipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma' kull persuna fiżika jew ġuridika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li fir-rigward tiegħu l-movimenti ta' kreditu mensili li jaqbużu ċertu ammont kif

ukoll, min-naħa l-oħra, timponi fuq l-imsemmija istituzzjoni li ttejjem tali relazzjonijiet ta' negozju meta jkunu ġew stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din il-miżura tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fis-sens tal-ewwel minn dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital, fis-sens tat-tieni minn dawn id-dispożizzjonijiet.

Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

- 43 Fl-ewwel lok, għandu jittfakkar li l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi l-applikazzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li jkollha bħala effett li tirrendi l-provvista ta' servizzi bejn Stati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna fi Stat Membru. Fil-fatt, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 56 TFUE jirrikjedi t-tneħħija ta' kull restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi imposta minħabba li l-fornitur ikun stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak li fih jingħata s-servizz (sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank, C-625/17, EU:C:2018:939, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 44 Dawk il-miżuri nazzjonali li jipprojbixxu, ifixklu jew li jirrendu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà jikkostitwixxu restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank, C-625/17, EU:C:2018:939, punt 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 45 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 56 TFUE jagħti drittijiet mhux biss lill-fornitur ta' servizzi nnifsu, iżda wkoll lid-destinatarju tal-imsemmija servizzi (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Anton van Zantbeek, C-725/18, EU:C:2020:54, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 46 F'dan il-każ, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprekludi li PrivatBank tkun tista', għal ammonti oġġla minn dawk li hija tipprevedi, toffri ċerti servizzi bankarji relatati, pereżempju, mal-provvista ta' krediti jew ta' riċezzjoni ta' fondi lill-persuni fiżiċi li ma għandhomx rabta mal-Latvja jew lill-persuni ġuridiċi mingħajr attività ekonomika marbuta ma' dan l-Istat Membru. Għaldaqstant, din il-miżura tista' tirrendi l-provvista ta' servizzi bejn l-Istati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna għar-Repubblika tal-Latvja.
- 47 Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 43 sa 45 ta' din is-sentenza, miżura amministrattiva bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi pprojbita, bħala prinċipju, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE.
- 48 Fit-tieni lok, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "restrizzjoni" li jinsab fl-Artikolu 63 TFUE jkopri, b'mod ġenerali, kull ostakolu għall-moviment tal-kapital li jseħħ kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn Stati Membri u pajjiżi terzi (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA, C-544/19, EU:C:2021:803, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 49 B'mod partikolari, dan il-kunċett jinkludi l-miżuri tal-Istat li huma ta' natura diskriminatorja sa fejn dawn jistabbilixxu, direttament jew indirettament, differenza fit-trattament bejn il-moviment nazzjonali ta' kapital u l-moviment transkonfinali ta' kapital li ma tikkorrispondix għal differenza oġġettiva ta' sitwazzjonijiet, u li huma, għaldaqstant, ta' natura li jiddiswadu lil

persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi milli jwettqu moviment transkonfinali ta' kapital (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva)*, C-78/18, EU:C:2020:476, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 50 F'dan il-każ, u kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tagħha, il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lil PrivatBank ittemm ir-relazzjonijiet ta' negozju tagħha ma' kull persuna fiżika li ma għandhiex rabta mal-Latvja u ma' kull persuna ġuridika li l-attività ekonomika tagħha ma għandhiex rabta ma' dan l-Istat Membru, u tipprojbixxiha milli tidħol f'tali relazzjonijiet, tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità.
- 51 Fil-fatt, minkejja li tali miżura amministrattiva, li sempliċement tipprevedi l-kriterju tar-rabta mal-Latvja, ma tirreferix direttament għan-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati, hija madankollu tista' taffettwa iktar liċ-ċittadini ta' Stat Membru għajr ir-Repubblika tal-Latvja u l-kumpanniji stabbiliti f'tali Stat Membru, sa fejn dawn għandhom probabbiltà li jkollhom rabta mar-Repubblika tal-Latvja ferm inferjuri għal dik taċ-ċittadini Latvjani jew tal-kumpanniji stabbiliti fil-Latvja.
- 52 Fit-tielet lok, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Latvjani fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-fatt li l-klijenti li jistgħu jiġu affettwati mill-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali jibqgħu liberi li jifftu kont ma' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu oħra awtorizzata fil-Latvja u li jiddepożitaw fondi hemmhekk, peress li din il-miżura tapplika biss għal PrivatBank, jew ukoll il-fatt li din il-miżura tapplika biss b'mod temporanju ma jistgħux iċaħħdu lill-imsemmija miżura n-natura restrittiva tagħha.
- 53 F'dan ir-rigward, minn naħa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, anki restrizzjoni ta' portata limitata jew ta' importanza minuri għal libertà fundamentali hija, bħala prinċipju, ipprojbita mit-Trattat FUE (sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, *Admiral Gaming Network et*, C-475/20 sa C-482/20, EU:C:2022:71, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 54 Min-naħa l-oħra, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tagħha, il-fatt li persuna fiżika jew ġuridika tista' tiddeċiedi liberament ma' liema istituzzjoni ta' kreditu hija tixtieq tidħol f'relazzjoni ta' negozju sabiex, pereżempju, tibbenefika minn kundizzjonijiet jew prodotti speċifiċi jaqa' taħt l-essenza stess tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-moviment liberu tal-kapital.
- 55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 63(1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, tipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma' kull persuna fiżika jew ġuridika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħha jeċċedu ċertu ammont kif ukoll, min-naħa l-oħra, timponi fuq l-imsemmija istituzzjoni li ttemm tali relazzjonijiet ta' negozju meta jkun għew stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din il-miżura tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll restrizzjoni fuq il-movimenti ta' kapital, fis-sens tat-tieni tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

Fuq it-tielet u r-raba' domanda

56 Permezz tat-tielet u r-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u għall-moviment liberu tal-kapital imposta minn miżura amministrattiva, li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, tipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma' kull persuna fiżika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti mensili tagħhom jaqbżu l-EUR 15 000, jew ma' kull persuna ġuridika li ma għandhiex rabta oħra mal-Istat Membru li fih hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti mensili tagħha jaqbżu l-EUR 5 000, kif ukoll, min-naħa l-oħra, jimponu fuq l-imsemmija istituzzjoni li ttejjem tali relazzjonijiet ta' negozju meta ġew stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din il-miżura, tista' tiġi ġġustifikata mill-għan li jiġi evitat il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, stipulati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2015/849, u jekk, fejn ikun il-każ, din il-miżura hijiex koperta mill-Artikolu 65(1)(b) TFUE.

Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni

57 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-moviment liberu tal-kapital jista' jiġi llimitat minn leġislazzjoni nazzjonali biss jekk din tkun iġġustifikata minn waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 65 TFUE jew minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm ma tkunx teżisti miżura ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni li tiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA, C-544/19, EU:C:2021:803, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet adottata sabiex, l-ewwel, ittejjem il-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, imwettaq minn PrivatBank, u, it-tieni, li tipprekludi fil-futur ir-repetizzjoni minn din l-istess istituzzjoni ta' kreditu ta' tali ksur, peress li dan jista' jkollu bħala konsegwenza mhux biss li PrivatBank stess tkun involuta fil-ħasil tal-flus jew tentattiv ta' ħasil tal-flus kif ukoll fl-evazzjoni tiegħu, jew ukoll l-evitar jew il-ksur ta' sanzjonijiet internazzjonali, iżda wkoll li, permezz ta' ksur bħal dan, is-settur finanzjarju nazzjonali kollu kemm hu jkun espost għal riskji sinjifikattivi għar-reputazzjoni tiegħu.

59 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, l-Artikolu 65(1)(b) TFUE jipprevedi li l-Artikolu 63 TFUE ma għandux jippreġudika d-dritt li għandhom l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, b'mod partikolari, sabiex jevitaw il-ksur tal-liġijiet u r-regoli tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tal-kontroll prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji, jew li jittieħdu l-miżuri ġġustifikati minn raġunijiet marbuta mal-ordni pubbliku jew mas-sigurtà pubblika.

60 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex tkun tista' titqies bħala "miżura meħtieġa", fis-sens ta' dan l-Artikolu 65(1)(b) TFUE, il-miżura kkonċernata għandu jkollha l-għan stess li tostakola l-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti fil-qasam tal-kontroll prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2012, VBV – Vorsorgekasse, C-39/11, EU:C:2012:327, punt 30).

61 Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, li hija marbuta mal-għan tal-protezzjoni tal-ordni pubbliku, tikkostitwixxi għan leġittimu li jista' jiġġustifika ostakolu għal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Zheng, C-190/17, EU:C:2018:357, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 62 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, raġunijiet ta' ordni pubbliku jistgħu jiġu invokati biss fil-każ ta' theddida reali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà, u ma jistgħux, barra minn hekk, jintużaw għal għanijiet purament ekonomiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2020, Romenergo u Aris Capital, C-339/19, EU:C:2020:709, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 63 Fl-aħħar nett, kif diġà ġie osservat mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur tal-Unjoni wettaq biss armonizzazzjoni parzjali tal-miżuri intiżi sabiex jiġu miġġielda l-ħasil tal-kapital u l-finanzjament tat-terroriżmu, b'tali mod li l-Istati Membri għad fadlilhom id-dritt li jinvokaw il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu sabiex jiġġustifikaw dispożizzjonijiet nazzjonali li jillimitaw il-moviment liberu tal-kapital, bħala raġunijiet marbutin mal-ordni pubbliku (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva), C-78/18, EU:C:2020:476, punt 89).
- 64 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar, minn naħa, li d-Direttiva 2015/849 twettaq biss armonizzazzjoni minima, peress li l-Artikolu 5 tagħha jawtorizza lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar stretti, peress li dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi li jsaħħu l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, fil-limiti tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tas-17 ta' Novembru 2022, Rodl & Partner, C-562/20, EU:C:2022:883, punt 46).
- 65 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 59(4) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti jimponu tipi oħra ta' sanzjonijiet amministrattivi minbarra dawk imsemmija f'dan l-artikolu jew jimponu sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji li jaqbz u l-ammonti msemmija fl-imsemmi artikolu.
- 66 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital stabbilita minn miżura amministrattiva, tista' tiġi ġġustifikata, minn naħa, skont l-Artikolu 65(1)(b) TFUE, meta din il-miżura tkun meħtieġa sabiex jiġu evitati l-ksur tal-liġijiet u r-regoli nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam tal-kontroll prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Min-naħa l-oħra, tali restrizzjoni tista' wkoll tiġi ġġustifikata mill-ħtieġa ta' prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.
- 67 Issa, fid-dawl tal-għanijiet b'hekk imfittxija mill-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali, imsemmija fil-punt 58 ta' din is-sentenza, tali miżura tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.
- 68 F'dan ir-rigward, fit-tieni lok, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, li hija marbuta mal-għan tal-protezzjoni tal-ordni pubbliku, tikkostitwixxi għan leġittimu li jista' jiġġustifika ostakolu għal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat (sentenza tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar, C-212/11, EU:C:2013:270, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 69 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi ġġustifikata kemm mill-għan leġittimu li jikkonsisti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll abbażi tal-Artikolu 65(1)(b) TFUE peress li din il-miżura amministrattiva ssegwi wieħed mill-għanijiet previsti minn din l-aħħar dispożizzjoni.

- 70 Madankollu, huwa wkoll neċessarju li l-imsemmija miżura amministrattiva, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jimplika li din tkun xierqa li tiggarantixxi, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għan imfittex u li din ma tkunx tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva), C-78/18, EU:C:2020:476, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 71 Għalkemm fl-aħħar mill-aħħar hija l-qorti nazzjonali, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti u tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandha tiddetermina jekk, f'dan il-każ, tissodisfax dawn ir-rekwiżiti, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rinviu għal deċiżjoni preliminari, għandha ġurisdizzjoni, misluta mill-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali li jkunu ppreżentati quddiemha, sabiex tipprovdi lil din b'indikazzjonijiet utli, ta' natura li jippermettulha tiddeċiedi l-kawża quddiemha (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA, C-544/19, EU:C:2021:803, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità

- 72 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kwistjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali fil-kawża prinċipali hijiex xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tal-għanijiet imfittxija, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni nazzjonali tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat biss jekk tkun effettivament tissodisfa l-ħsieb li dan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 73 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ fejn l-għan ta' miżura nazzjonali huwa l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, din il-miżura għandha titqies li hija xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan preventiv invokat b'dan il-mod meta tgħin sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, Safe Interenvios (C-235/14, EU:C:2016:154, punt 104).
- 74 F'dan il-każ, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali għet adottata, b'mod partikolari, minħabba l-ksur, minn PrivatBank, ta' ċerti rekwiżiti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. B'mod iktar preċiż, kif ġie indikat fil-punt 18 ta' din is-sentenza u kif osservaw il-FKTK u l-Gvern Latvjan waqt is-seduta, is-sistema ta' kontroll intern ta' PrivatBank dwar il-viġilanza fir-rigward tal-klijenti u s-sorveljanza tat-tranżazzjonijiet għet ikkunsidrata bħala li ma tippermettix li jiġi ggarantit li din l-istituzzjoni ta' kreditu għandha sistemi effikaċi ta' Ġestjoni tar-riskji ta' ħasil ta' flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu. B'mod partikolari, peress li PrivatBank ma tkunx tista' tikseb informazzjoni dwar il-klijenti tagħha, ikun impossibbli għaliha li tkun taf lil dawn tal-aħħar u, konsegwentement, li tikkonforma ruħha mal-obbligi ta' diliġenza li hija għandha.
- 75 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2015/849, li huma ta' natura preventiva, huma intiżi li jstabbilixxu, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, għadd ta' miżuri preventivi u dissważivi għall-għieda effettiva kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, sabiex jiġi evitat, kif jirriżulta mill-premessa 1 ta' din id-direttiva, li l-flussi ta' flus illegali jkunu jistgħu jippreġudikaw l-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju

- tal-Unjoni, u jheddu s-suq intern tagħha u kif ukoll l-iżvilupp internazzjonali (sentenza tas-17 ta' Novembru 2022, Rodl & Partner, C-562/20, EU:C:2022:883, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitatata).
- 76 Fost dawn il-miżuri preventivi u dissważivi li jippermettu ġlieda effettiva kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hemm dawk, imsemmija fl-Artikolu 8(1) u (3) u fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2015/849, li jimponu obbligi fuq l-entitajiet obbligati fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu marbuta mal-klijenti tagħhom u l-identifikazzjoni ta' dawn tal-aħħar fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri ta' diliġenza.
- 77 L-entitajiet obbligati huma, b'mod partikolari, marbuta li japplikaw il-miżuri ta' diliġenza normali fir-rigward tal-klijenti peress li huma identifikaw, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħhom tar-riskji marbuta ma' klijent, livell ta' riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu normali (sentenza tas-17 ta' Novembru 2022, Rodl & Partner, C-562/20, EU:C:2022:883, punt 68).
- 78 Fir-rigward tal-miżuri ta' diliġenza stess li l-entitajiet marbuta b'obbligu għandhom jimplimentaw, l-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva jsemmi numru partikolari ta' miżuri, li fosthom hemm l-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika tal-identità tiegħu (punt (a)), u, jekk ikun il-każ, il-kisba ta' informazzjoni dwar l-għan u n-natura maħsuba tar-relazzjoni ta' negozju (punt (c)), jew ukoll l-eżerċizzju ta' kontroll kontinwu tar-relazzjoni ta' negozju, b'mod partikolari billi jiġu eżaminati t-tranżazzjonijiet konklużi tul din ir-relazzjoni, b'mod li jiġi vverifikat li dawn it-tranżazzjonijiet huma konsistenti mal-għarfien li l-entità obbligata għandha dwar il-klijent tagħha, l-attivitajiet ta' negozju tagħha u l-profil ta' riskju tiegħu, inkluż, jekk meħtieġ, l-orijini tal-fondi, u billi jsir aġġornament tad-dokumenti, id-data jew l-informazzjoni miżmuma (punt (d)).
- 79 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel, li l-limitu ta' movimenti ta' kreditu mensili ta' EUR 15 000 stabbilit mill-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali għall-persuni fiżiċi, li jikkorrispondi, barra minn hekk, għal-limitu li jagħti lok għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' diliġenza msemmi fl-Artikolu 11(b)(i) tad-Direttiva 2015/849, jirrigwarda sitwazzjoni li fiha huwa leġittimu li jitqies li jeżisti riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu. Bl-istess mod, in-natura raġonevoli tal-limitu ta' movimenti mensili ta' EUR 50 000 għall-persuni ġuridiċi ffissat minn din il-miżura amministrattiva, li, skont il-FKTK, ġiet iddeterminata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ma ġietx ikkontestata fil-kuntest tal-proċedura fil-kawża prinċipali.
- 80 It-tieni, kif tfakkar fil-punt 74 ta' din is-sentenza, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-sistema ta' kontroll intern ta' PrivatBank fir-rigward tad-diliġenza fir-rigward tal-klijenti u s-sorveljanza tat-tranżazzjonijiet ġiet ikkunsidrata mill-FKTK bħala li ma tippermettix li jiġi ggarantit li din l-istituzzjoni ta' kreditu tiżgura ġestjoni effikaċi tar-riskji f'dan il-qasam. Issa, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tigarantixxi l-għan leġittimu ta' prevenzjoni u ta' ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni tali nuqqas fis-sistema ta' ġestjoni tar-riskji ta' PrivatBank.
- 81 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidher li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn timponi fuq PrivatBank l-obbligu li jtemm ir-relazzjonijiet ta' negozju tagħha u li ma tidħolx f'tali relazzjonijiet, lil hinn minn ċertu ammont, ma' kull persuna, fiżika jew ġuridika, li ma għandhiex rabta mal-Latvja, hija xierqa sabiex tigarantixxi li din l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tikkonforma ruħha mal-obbligi ta' identifikazzjoni imposti fuqha fil-kuntest, minn naħa, tal-evalwazzjoni tar-riskji marbuta mal-klijent u, min-naħa l-oħra, tal-adozzjoni eventwali ta' miżuri ta' diliġenza.

- 82 Konsegwentement, fid-dawl tan-nuqqas tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskji ta' PrivatBank, kif irrilevat mill-qorti tar-rinviju stess u mhux ikkontestata mill-partijiet fil-kawża prinċipali, kif ukoll tar-riskju għal din l-istituzzjoni ta' kreditu li ma tkunx tista' tikkonforma ruħha, b'mod partikolari, mal-obbligi tagħha ta' diliġenza fir-rigward tal-klijenti tagħha li ma għandhomx rabta mal-Latvja u li jirreġistraw movimenti ta' kreditu sinjifikattivi, il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher xierqa sabiex tnaqqas, b'mod koerenti u sistematiku, ir-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu.
- 83 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, in-natura neċessarja tal-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li l-miżuri li jirrestrinġu libertà fundamentali jistgħu jiġu ġġustifikati biss jekk l-għan imfittex ma jkunx jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi (sentenza tas-7 ta' Settembru 2022, *Cilevičs et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punt 81).
- 84 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxi projbizzjoni li tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju u obbligu li jitwaqqfu r-relazzjonijiet ta' negozju eżistenti mal-klijenti li ma għandhomx rabtiet mal-Latvja, peress li l-limitu tal-ammonti previsti mill-imsemmija miżura jintlaħaq.
- 85 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk din il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax titqies bħala neċessarja, billi tiegħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-fatt li, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 80 tal-konklużjonijiet tagħha, il-kundizzjoni dwar l-assenza ta' rabta mal-Latvja tidher li tista', fid-dawl tan-natura wiesgħa tagħha, tinkludi wkoll persuni, fiżiċi jew ġuridiċi, li, skont id-Direttiva 2015/849, ma fihomx riskju partikolari ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu.
- 86 F'dan ir-rigward, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet tal-imsemmija istituzzjoni ta' kreditu li tikseb l-informazzjoni tal-klijenti tagħha, liema diffikultajiet, skont l-osservazzjonijiet tal-FKTK waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ikunu kkonfermati, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. B'mod partikolari, hija din il-qorti li għandha tivverifika jekk in-nuqqasijiet tal-miżuri ta' diliġenza jew l-implimentazzjoni tagħhom kinux tali li rrendew neċessarja l-adozzjoni ta' miżura ta' natura wiesgħa li tistabbilixxi diskriminazzjoni indiretta.
- 87 Barra minn hekk, għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, skont l-Artikolu 59(1) u (2) tad-Direttiva 2015/849, fil-każ ta' ksur gravi, repetut jew sistematiku tal-obbligi li għandha l-entità obligata kkonċernata, b'mod partikolari tal-obbligi ta' diliġenza fir-rigward tal-klijenti previsti fl-Artikoli 10 sa 24 tal-imsemmija direttiva, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi fuq dawn l-entitajiet.
- 88 Fost dawn is-sanzjonijiet u dawn il-miżuri hemm, minbarra s-sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji, konformement mal-Artikolu 59(2)(c) tad-Direttiva 2015/849, l-irtirar jew is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni meta l-entità obligata inkwistjoni tkun suġġetta għal tali awtorizzazzjoni.
- 89 Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punt 65 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 59(4) tad-Direttiva 2015/849 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti jimponu tipi oħra ta' sanzjonijiet amministrattivi differenti minn dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu.

- 90 Issa, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tagħha, miżura amministrattiva bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, bħala inqas restrittiva mill-irtirar jew is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 59(2)(c) tad-Direttiva 2015/849.
- 91 Barra minn hekk, waqt is-seduta, il-Gvern Latvjan indika li, fil-passat, obbligi ta' diliġenza msaħħa, li huma inqas ta' preġudizzju għal-libertajiet fundamentali minn dawk stabbiliti mill-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kienu ġew imposti fuq PrivatBank iżda li dawn il-miżuri ma kinux suffiċjentement effikaċi sabiex jiġu miġġielda r-riskji identifikati.
- 92 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher li hija l-miżura amministrattiva l-inqas restrittiva sabiex tipprevjeni b'mod effikaċi r-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu li għalih kienet esposta PrivatBank.
- 93 Fit-tielet lok, għandu jiġi ddeterminat jekk miżura amministrattiva li hija intiża sabiex tipprevjeni u tiġġieled kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tippreġudikax b'mod eċċessiv id-drittijiet u l-interessi protetti konformement mal-Artikoli 56 u 63 TFUE, li minnhom jibbenefikaw l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u l-klijenti tagħha.
- 94 F'dan ir-rigward, l-ewwel, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet prevista sabiex tapplika għal perijodu limitat, jiġifieri sakemm jiġu implimentati miżuri oħra previsti fid-deċiżjoni msemmija fil-punt 19 ta' din is-sentenza u l-awtorizzazzjoni ta' din l-implimentazzjoni mill-FKTK. Minn dan isegwi li, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 89 tal-konklużjonijiet tagħha, PrivatBank kienet hija stess f'pożizzjoni li tinfluwenza t-tneħħija tar-restrizzjonijiet.
- 95 It-tieni, kif qieset l-Avukat Ġenerali fil-punt 90 tal-konklużjonijiet tagħha, l-intensità tal-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tidherx li hija sproportzjonata fir-rigward tal-għan leġittimu mfittex, jiġifieri l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Fil-fatt, minn naħa, peress li din il-miżura amministrattiva ġiet applikata biss sa mill-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, PrivatBank setgħet iżżomm ir-relazzjonijiet ta' negozju li hija kienet daħlet fihom qabel din l-adozzjoni, inkluż ma' klijenti li ma għandhomx rabta mal-Latvja u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħhom kienu oġġla mil-limiti ffissati minn din il-miżura. Min-naħa l-oħra, din l-istituzzjoni ta' kreditu setgħet tkompli tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ġodda ma' persuni li ma kellhom ebda relazzjoni mal-Latvja, sakemm il-movimenti ta' kreditu mensili tagħhom ikunu inqas minn dawn il-limiti.
- 96 It-tielet, skont il-FKTK, l-adozzjoni tal-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet neċessarja minħabba ksur sistematiku u repetut, imwettaq minn PrivatBank, tal-liġijiet u tar-regolamenti nazzjonali fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. B'hekk, jidher li PrivatBank innifsu kkontribwixxa, b'mod żbaljat, għal sitwazzjoni ta' riskju f'dan il-qasam li għaliha l-awtorità nazzjonali kompetenti kellha tirreaġixxi.
- 97 Ir-raba', kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 92 tal-konklużjonijiet tagħha, għalkemm il-moviment liberu tal-kapital jimplika li l-klijent jista' jagħżel liberament l-istituzzjoni ta' kreditu li lilha jkollu l-intenzjoni jafda, b'mod partikolari, il-ġestjoni tal-kontijiet bankarji tiegħu, din il-libertà fundamentali ma tagħtix, madankollu, id-dritt li tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma'

istituzzjoni ta' kreditu partikolari, irrispettivament miċ-ċirkustanzi konkreti, bħan-nuqqas ta' osservanza minn din l-istituzzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

- 98 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, il-miżura amministrattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tidhirx li tippreġudika eċċessivament id-drittijiet u l-interessi protetti konformement mal-Artikoli 56 u 63 TFUE, li minnhom jibbenefikaw l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u l-klijenti tagħha.
- 99 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tielet u għar-raba' domanda għandha tkun li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 63(1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, tipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzjonijiet kummerċjali ma' kull persuna fiżika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħhom jaqbżu l-EUR 15 000, jew ma' kull persuna ġuridika li l-attività ekonomika tagħha ma għandha l-ebda rabta ma' dan l-Istat Membru u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħha jaqbżu l-EUR 50 000, kif ukoll, min-naħa l-oħra, timponi fuq l-imsemmija istituzzjoni li ttemm tali relazzjonijiet ta' negozju meta jkun għew stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din il-miżura, sakemm din il-miżura amministrattiva, l-ewwel, tkun iġġustifikata mill-għan li jiġi evitat il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jew bħala miżura essenzjali mmirata lejn in-nuqqas tal-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti nazzjonali dwar il-kontroll prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew ukoll bħala miżura ġġustifikata għal raġunijiet relatati mal-ordni pubbliku, imsemmija fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE, it-tieni, hija xierqa sabiex tiżgura l-kisba ta' dawn l-għanijiet, it-tielet, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dawn jintlaħqu u, ir-raba', ma tiksirx b'mod eċċessiv id-drittijiet u interessi protetti konformement ma' dawn l-Artikoli 56 u 63 TFUE, li minnhom jibbenefikaw l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u l-klijenti tagħha.

Fuq l-ispejjeż

- 100 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Is-self u l-kreditu finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti fl-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' kreditu, jikkostitwixxu movimenti tal-kapital, fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.**
- 2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 63(1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, tipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju ma' kull persuna fiżika jew ġuridika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħha jeċċedu ċertu ammont kif ukoll, min-naħa l-oħra, timponi fuq l-imsemmija istituzzjoni li ttemm tali relazzjonijiet ta' negozju meta jkun għew stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din il-miżura**

tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll restrizzjoni fuq il-movimenti ta' kapital, fis-sens tat-tieni tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

- 3) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 63(1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux miżura amministrattiva li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, minn naħa, tipprojbixxi lil istituzzjoni ta' kreditu milli tidħol f'relazzzjonijiet ta' negozju ma' kull persuna fiżika li ma għandhiex rabta mal-Istat Membru li fuqu hija stabbilita din l-istituzzjoni u li l-movimenti mensili tagħhom jaqbżu l-EUR 15 000, jew ma' kull persuna ġuridika li l-attività ekonomika tagħha ma għandha l-ebda rabta ma' dan l-Istat Membru u li l-movimenti ta' kreditu mensili tagħha jaqbżu l-EUR 50 000, kif ukoll, min-naħa l-oħra, timponi fuq l-imsemmija istituzzjoni li ttejjem tali relazzjonijiet ta' negozju meta jkunu ġew stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din il-miżura, sakemm din il-miżura amministrattiva, l-ewwel, tkun iġġustifikata mill-għan li jiġi evitat il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jew bħala miżura essenzjali mmirata lejn in-nuqqas tal-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti nazzjonali dwar il-kontroll prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew ukoll bħala miżura iġġustifikata għal raġunijiet relatati mal-ordni pubbliku, imsemmija fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE, it-tieni, hija xierqa sabiex tiżgura l-kisba ta' dawn l-għanijiet, it-tielet, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dawn jintlaħqu u, ir-raba', ma tiksirx b'mod eċċessiv id-drittijiet b'mod eċċessiv u interessi protetti konformement ma' dawn l-Artikoli 56 u 63 TFUE, li minnhom jibbenefikaw l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u l-klijenti tagħha.

Firem